MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1559/2002

***Citadel Insurance PLC kif surrogata fil-jeddijiet ta' l-assigurat taghha Ian Agius sia bil-polza u sia bil-ligi***

***vs***

***Michael John Murray Curtis***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disgha u sebghin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm279.38c) rappresentanti danni mhallsa mis-socjeta' attrici fuq polza ta' assikurazzjoni wara ncident stradali li sehh fit-28 ta' Ottubru 1999 gewwa 5th October Square, Msida bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBE 445, proprjeta' ta' u misjuqa minn Ian Agius u vettura bin-numru ta'

registrazzjoni GAB 951 misjuqa mill-konvenut, ghal liema ncident jahti unikament l-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Settembru 2001 u ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra *Elmo Insurance Agency Limited* ghal finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Christopher Vella ghas-socjeta’ attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ra d-dokumenti esibiti Dokument A sa Dokument D konsistenti fir-*road accident report* tal-kollizzjoni mertu tal-kawza, *“Motor Accident Report Form”, “Motor Vehicle Damage Assessment Report”* u s-*subrogation form* u dana in sostenn tat-talba attrici.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u disa’ u sebghin liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm279.38c), kif ukoll l-imghax legali.
L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Settembru 2001 u ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra *Elmo Insurance Agency Limited* ghal finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**

## Gudikatur